# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.3

**Titlu: Ġesù Fostna**

**Lezzjoni 3.3: Aħna konna fl-għar**

**L-Għanijiet:**

**It-tfal:**

1. jitgħallmu dwar il-personaġġi msemmija fil-ġrajja tal-milied;
2. jifhmu l-messaġġ li Ġesù jrid jgħaddilna permezz tagħhom;
3. jiċċelebraw il-ħajja ta' dawn il-personaġġi kollha (inkluż tal-lezzjoni ta' qabel), permezz ta' mima.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Il-*Powerpoint* dwar Betlem.
- Il-Powerpoint – Il-Milied – Festa ta' Solidarjetà
- Il-*flashcards* bl-isem tal-personaġġ għal waqt il-mim
- Karta ta' taħriġ 3.3 (mill-Ktieb)
- We three kings song:

https://www.youtube.com/watch?v=sJpecRI_0wY

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Fakkar f'dak li jkun sar fil-lezzjoni ta' qabel dwar Betlem, Ġużeppi u Marija billi terġa' turi l-powerpoint tal-lezzjoni ta' qabel (li qiegħed mahmuż ma' din il-lezzjoni wkoll).

- Spjega lit-tfal li f'din il-lezzjoni ser nitkellmu dwar xi personaġġi li nsibu fix-xena tat-twelid ta' Ġesù.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Irrevedi l- istampa minn fuq il-powerpoint, tal-kamra u l-istalla.
2. Staqsi lit-tfal fiex tfakkarhom din l-istampa. Oħloq diskussjoni dwar id-differenza bejn iż-żewġ tipi differenti ta' ambjenti. Oħroġ il-fatt li Ġesù ma kellu xejn u twieled f'ambjent li aħna żgur ma konniex nagħżluh.
3. Spjega li għalkemm Ġesù twieled fil-faqar, hu ġab ħafna ferħ u hena.
4. Stieden lit-tfal isemmu n-nies li kienu fl-għar.
5. Uri l-*powerpoint* bl-istorja tal-Milied *The Christmas Story* u agħti l-ispjega ta' din l-istorja. Jekk trid tista' tistieden lit-tfal biex jiddramattizzaw din l-istorja.
6. Uri l-*Powerpoint*, Il-Milied – Festa ta' Solidarjetà – u oħroġ diskussjoni minnu.
7. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 3.3 u spjega s-silta li hemm.

9. Iddiskuti bħala klassi Attività 1 u qabbel is-sentenzi mogħtija mal -ħajja tagħna ta' kuljum. Ir-risposti: 1- 2- 4 – 3.
10. Fakkar fl-istampa tal-*powerpoint* u stieden lit-tfal isibu differenza waħda bejn l-istampi. Għinhom jiktbu din id-differenza fil-vojt.
11. Iddiskuti Attività 3 u fakkar fil-punt importanti li għandha nippreparaw ruħna tassew għal din il-festa.
12. Agħlaq din il-lezzjoni billi turi l-filmat tad-diska: *We three kings*.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

- Ġesù twieled ġo għar fqir.
- Ġużeppi u Marija kienu ferħanin li twieled Ġesù.
- Ir-ragħajja kienu l-ewwel nies li raw lil Ġesù.
- Il-maġi fittxew lil Ġesù u offrewlu rigali speċjali.




## Nagħżlu flimkien (L-Attitudni)




It-tfal juru li huma jħobbu lil xulxin u lil kulħadd għax Ġesù ġie għal kulħadd.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Filmat : We Three Kings

  https://www.youtube.com/watch?v=sJpecRI_0wY



## Nitolbu

Għinna Ġesù, naċċettaw lil xulxin, b'dak kollu li għandna.

